



EMA/283296/2017  
EMEA/H/C/002706

### **Sommarju tal-EPAR għall-pubbliku**

## Bretaris Genuair

bromur tal-aklidinju

Dan id-dokument huwa sommarju tar-rapport pubbliku Ewropew ta' valutazzjoni (EPAR) għal Bretaris Genuair. Dan jispjega kif l-Aġenzija vvalutat il-mediċina biex tirrakkomanda l-awtorizzazzjoni tagħha fl-UE u l-kondizzjonijiet ta' użu tagħha. Dan mhux intiż biex jipprovd konsultazzjoni prattika dwar l-użu ta' Bretaris Genuair.

Għal informazzjoni prattika dwar l-użu ta' Bretari Genuair, il-pazjenti għandhom jaqraw il-fuljett ta' tagħrif jew jikkuntattjaw lit-tabib jew lill-ispiżjar tagħhom.

### **X'inhu Bretaris Genuair u għal xiex jintuża?**

Bretaris Genuair huwa mediċina użata biex ittaffi s-sintomi tal-marda pulmonari ostruttiva kronika (COPD- chronic obstructive pulmonary disease) fl-adulti. COPD hija marda fit-tul li fiha l-passaġġi tal-arja u l-boroż tal-arja ġewwa l-pulmuni ssirilhom ħsara jew jiġu mblukkati, u dan iwassal għal diffikultà fit-teħid tan-nifs. Bretaris Genuair jintuża għall-kura ta' manutenzjoni (regolari).

Bretaris Genuair fih is-sustanza attiva bromur tal-aklidinju.

### **Kif jintuża Bretaris Genuair?**

Bretaris Genuair jiġi bħala trab għall-inalazzjoni f'inalatur portabbli. Kull inalazzjoni tipprovd 375 mikrogramma ta' bromur tal-aklidinju ekwivalenti għal 322 mikrogramma ta' aklidinju.

Id-doża rakkodata ta' Bretaris Genuair hija inalazzjoni waħda darbejn kuljum. Għal informazzjoni dettaljata dwar kif tuża l-inalatur b'mod korrett, ara l-istruzzjonijiet fil-fuljett ta' tagħrif.

Bretaris Genuair jista' jinkiseb biss b'rīċetta ta' tabib.

### **Kif jaħdem Bretaris Genuair?**

Is-sustanza attiva fi Bretaris Genuair, il-bromur tal-aklidinju, hija bronkodilatur antimuskariniku. Dan ifisser li jwessa' l-passaġġi tal-arja billi jimblokkka r-riċetturi muskarini. Ir-riċetturi muskarini



jikkontrollaw il-kontrazzjoni tal-muskoli u meta l-bromur tal-aklidinju jkun inalat, dan jirrilassa l-muskoli tal-passaġġi tal-arja. Dan jgħin biex il-passaġġi tal-arja jibqgħu miftuħin u jippermetti lill-pazjent jieħu n-nifs b'aktar faċilità.

## X'benefiċċji wera Bretaris Genuair f'dawn l-istudji?

Studju ewlieni li kien jinvolvi 828 pazjent b'COPD sab li Bretaris Genuair kien iktar effettiv minn plaċebo (kura finta) għat-titjib ta' kemm jaħdmu tajjeb il-pulmuni. L-istudju qabbel żewġ dożi ta' Bretaris Genuair (200 u 400 mikrogramma) inalati darbtejn kuljum, ma' plaċebo. Il-kejl ewlieni tal-effikaċċja kien dwar kif Bretaris Genuair tejjeb il-volumi espiratorji furzati tal-pazjenti (FEV<sub>1</sub>, il-volum massimu ta' arja li persuna tista' toħroġ f'sekonda). Bħala medja, wara sitt xhur ta' kura, l-FEV<sub>1</sub> fil-pazjenti li użaw 200 u 400 mikrogramma ta' Bretaris Genuair żidied b'99 ml u 128 ml rispettivament meta mqabbel ma' plaċebo. Id-doża ta' 400 mikrogramma ta' Bretaris Genuair tikkorrispondi għal inalazzjoni li tiprovd 322 mikrogramma ta' aklidinju.

## X'inħuma r-riskji assoċċjati ma' Bretaris Genuair?

L-effetti sekondarji l-aktar komuni bi Bretaris Genuair (li jistgħu jaffettwaw aktar minn 5 pazjenti minn kull 100) huma wǵiġi ta' ras u nażofaringi (infjammazzjoni tal-imnieħer u tal-grizmejn). Effetti sekondarji komuni oħra (li jistgħu jaffettwaw aktar minn pazjent 1 minn kull 100) huma sinusite (infjammazzjoni tas-sinus), sogħla, nawża (tħossok ma tiflaħx) u dijarea. Għal-lista sħiħa tal-effetti sekondarji u r-restrizzjonijiet kollha bi Bretaris Genuair, ara l-fuljett ta' tagħrif.

## Għaliex ġie approvat Bretaris Genuair?

Is-CHMP innota li Bretaris Genuair intwera li kien effettiv fit-titjib tas-sintomi ta' COPD, u l-effetti ta' benefiċċju tiegħu jibqgħu sa sena. Is-CHMP innota wkoll li ma kien hemm l-ebda tħassib serju ta' sigurtà bi Bretaris Genuair, bl-effetti sekondarji jkunu riversibbli u simili għal mediċini bronkodilaturi antimuskariniċi oħra. Għaldaqstant, is-CHMP iddeċċieda li l-benefiċċji ta' Bretaris Genuair huma akbar mir-riskji tiegħu u rrakkomanda li jingħata awtorizzazzjoni għat-taqegħid fis-suq.

## X'miżuri qeqħdin jittieħdu biex jiġi żgurat l-użu sigur ta' Bretaris Genuair?

Billi mediciċini bronkodilaturi antimuskariniċi jista' jkollhom effett fuq il-qalb u l-arterji u l-vini tad-demm, il-kumpanija ser tissorvelja mill-qrib l-effetti kardjavaskulari tal-mediciċina u ser twettaq studju ieħor f'pazjenti biex tidentifika kwalunkwe riskju potenzjali.

Ir-rakkomandazzjonijiet u l-prekawzjonijiet li għandhom jiġu segwiti mill-professionisti fil-qasam tal-kura tas-saħħa u mill-pazjenti għal użu sigur u effettiv ta' Bretaris Genuair ġew inklużi wkoll fis-sommarju tal-karatteristiċi tal-prodott u fil-fuljett ta' tagħrif.

## Aktar informazzjoni dwar Bretaris Genuair

Il-Kummissjoni Ewropea tat-awtorizzazzjoni għat-taqegħid fis-suq valida fl-Unjoni Ewropea kollha għal Bretaris Genuair fl-20 ta' Lulju 2012.

L-EPAR sħiħ għal Bretaris Genuair jinstab fis-sit elettroniku tal-Aġenċija: [ema.europa.eu/Find\\_medicine/Human\\_medicines/European\\_public\\_assessment\\_reports](http://ema.europa.eu/Find_medicine/Human_medicines/European_public_assessment_reports). Għal aktar informazzjoni dwar il-kura bi Bretaris Genuair, aqra l-fuljett ta' tagħrif (parti wkoll mill-EPAR) jew ikkuntattja lit-tabib jew lill-ispiżjar tiegħek.

Dan is-sommarju ġie aġġornat l-aħħar f'05-2017.